MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2009

Numru 213/2002

**IL-PULIZIJA**
**ASSISTENT KUMMISSARJU NIEL HARRISON**
**SPETTUR NORBERT CIAPPARA**

**KONTRA**

**SIMEON SULTANA ta' 35 sena, iben Andrew u Maria Dolores nee' Bezzina, imwieled Tal-Pieta' nhar il-5 ta' Settembru, 1973, residenti Sultana's Farmhouse, Ta' Garnax, L/O Santa Lucia, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 762173M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **SIMEON SULTANA** li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Dicembru 1995 u Frar 1996:

a. Biegh jew xort'ohra ttraffika l-pjanta kollha jew bicca minnha kif ukoll ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(b) u (e) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew biccha minnha kif ukoll ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) u (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli nhar is-6 ta' Lulju, 1996 u matul il-granet ta' qbel din id-data:

c. Ikkonsenja medicina ristretta u psikototropika LSD lil xi persuna jew persuni ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienx xort'ohra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu, bi ksur tar-Regolamenti 11(2) ta' l-Avviz Legali 22/1985 kif sussegwentement emendat 40A u 120A u t-Tielet Skeda ta' l-Oridnanza dawr il-Professjoni Medika u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha tal-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat;

d. U aktar talli kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy u LSD) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 3(1) ta' l-Avviz Legali 22/1985 kif sussegwentement menedat u 40A u 120A u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 ta' l-Att V tal-1985 kif emendat.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta (folio 6);

Rat ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija(Spettur Norbert Ciappara) vs Simeon Sultana datat 2 ta' Marzu, 2007 a folio 108 – 115.;

Rat f’dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell datata 31 ta’ Mejju, 2007;

Rat ukoll in-nota ta’ l-Avukat Generali a folio 136 – tramite liema nota gie ezebit l-Ordni ta’ l-Avukat Generali, issa taht il-Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi a skans ta’ ripetizzjoni u hela ta’ hin din il-Qorti ser taghmel taghha l-evalutazzjoni ta’ provi li diga’ ghamlet din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza fl-ismijiet suriferiti.

Rat b’mod partikolari dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu. Hawn jghid li xtara tnejn ecstasy, LSD. Jghid li fil-karozza d-droga kollha li nxtrat haditha certa Irene li kienet fil-vettura mieghu.

Jghid ukoll illi meta xtara l-ecstasy din kienet ghalih u li t-trips (LSD) kienet ghall-ohrajn.

Jitkellem ukoll dwar il-fatt illi flimkien go flat dakinhar pejpu anke l-haxixa.

L-akkuzat ghazel ukoll li jixhed minn jheddu.

Mistoqsi jekk dak li qal fl-istqarrija kienx minnu, wiegeb illi hemm ammetta l-pussess, qal illi fl-istqarrija huwa ta lill-pulizija nformazzjoni minn fejn kien jixtri d-droga.

Qal hekk:
*‘Konna nkunu 6 jew 6 hbieb bejnietna u nohorgu xi haga tal-flus u nigbru …. Ta’ Lm5 jew Lm10 ta’ blokok li konna ….nippruvaw xi haga gdida u konna mmorru nixtru xi naqra haxixa biex immorru x’imkien imwarrab u npejpuha. Pero konna nohorgu xi haga kull wiehed bejnietna.’*
Folio 104.

Jghid li minn dak iz-zmien sa kemm kien qieghed jixhed qatt ma mess droga aktar.

Qal li hu qatt ma ttraffika xejn u li kien jaghmlu johorgu bejniethom, jixxerjaw u jaqsmu flimkien. (folio 106).

Ikkunsidrat:

Jirrizulta ghalhekk li l-imputat kien jabbuza mid-droga kokaina, ecstasy u haxixa fil-perjodu ta' l-1996 u 1997.

Illi tali fatti kif xehedhom l-imputat huma kkonfermati wkoll minn xhud principali tal-Prosekuzzjoni certu Irene Fenech li xehdet kemm quddiem il-Magistrat Inkwirenti kif ukoll quddiem din il-Qorti diversament preseduta. Anke din xehdet li fix-xitwa tas-sena 1995 – 1996 kienet taghmilha apparti ma' nies ohra ma' certu Simeon. Gharfitu bhala l-imputat. Xehdet li dak iz-zmien biex tinxtara l-haxixa, li kienet ukoll tohrog il-flus u kienu jixtru l-istess bejniethom – cioe' hi, dan Simeon, u shabhom ohrajn minnha msemmija. Ma kkonfermatx meta xehdet viva voce dak li kienet qalet bil-gurament quddiem il-Magistrat ta' l-Ghassa li kien Simeon l-imputat li kien jixtri l-haxixa.

Viva vocde ma kkonfermtax ukoll dak li qalet fl-istqarrija guramentata cioe' li fi zmien in kwistjoni Simeon kien ibiegh raza tal-cannabis, trips, LSD, u anke kokaina. Dan nonostante li fl-istqarrija guramentata ziedet li dan kienet tafu ghax gieli offrielha biex tixtri minghandu. Viva voce ghalkemm qalet li dan ma tiftakrux, qalet ukoll illi dan gara meta kienu qeghdin jiktlemmu (folio 95). Ikkonfermat li gieli harget xi flus biex maghhom – ma' l-imputat u iehor pejpet il-haxixa.

Ikkonfermat li biex inxtrat id-droga hija harget il-flus ma' l-ohrajn, pero ma ftakritx ezatt min hadilhom il-flus biex inxtrat id-droga.

Ikkunsidrat:

Ili mal-fatti prodotti u ezaminati, din il-Qorti hija konvinta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu d-droga gia' msemmija – kif ukollli bejniethom l-imputat u shabu kienu johorgu flus biex tinxtara d-droga li wara kienu jaqsmu flimkien u bejniethom.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti hija tal-fehma li ghandha ssib il-htija ta' Simeon Sultana fil-konfront ta' l-akkuzi kollha addebitati, in kwantu ghall-involviment tieghu fir-reati in kwantu si tratta tad-droga cannabis (Kapitolu 101) u d-droga ecstasy u LSD (Kapitolu 31). Fil-fatt ma giex lilu addebitat ebda reat fil-konfront tad-droga kokaina, ghalkemm dan jirrizulta wkoll.

Rat ghalhekk l-Artikolu 8, 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 120A(2), 120(2A) tal-Kapitolu 31 tal-Ligijet ta' Malta, u ssibu hati ta' l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Dwar il-piena hadet in konsiderazzjoni t-tul ta' zmien li ilha biex din il-kawza tasal ghal gudizzju finali (salv ovvjament appell iehor), fil-fatt dawn l-akkuzi jirrisalu gha-sena 1995. Rat ukoll il-lanjanzi ndirizzati fir-rikors ta' l-Appell ta' l-Avukat Generali, li certament ma kien qatt fuq il-piena nflitta mill-Ewwel Qorti, cioe' dik ta' multa minhabba l-kwistjoni ta' *sharing*. Rat l-Artikolu 22(9), in partikolari l-Proviso ta' l-istess, rat li c-cirkostanzi tal-kaz, l-ammont tad-droga nvoluta, il-karattru ta' l-imputat li llum jirrizulta li hareg mill-problemi tad-droga, rat ukoll il-fedina penali tieghu fejn gie applikat il-Kapitolu 152, hija tal-fehma tal-Qorti li d-droga nxtrat minn Simeon Sultana biss biex tigi kkonsmata d-droga fil-post ma' l-ohrajn, tqies ghalhekk illi tenut kont taz-zmien li ghadda tista' fil-fatt tapplika l-multa ta' hames mitt Ewro(€500);
Rat ukoll l-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li l-multa ta' hames mitt Ewro(€500) ghandha tithallas b'rati mensili ta' mitt Ewro(€100) li ghandhom jibdew jiddekorru minn nhar il-31 ta' Lulju, 2009. Il-Qorti spjegat lill-imputat il-konsegwenzi tan-nuqqas ta' ottemporanza tal-hlas kif lilu ordnat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------